REGOLAMENT TA’ DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1391/2013

tal-14 ta’ Ottubru 2013

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea fir-rigward tal-elenku tal-Unjoni ta’ proġetti ta’ interess komuni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jistabbilixxi qafas ġdid għall-ippjanar tal-infrastruttura u l-implimentazzjoni tal-proġetti għall-perjodu sal-2020 u lil hinn. Ir-Regolament jistabbilixxi disa’ kurituri prijoritarji tal-infrastruttura ġeografika fid-dominji tal-elettriku, il-gass u ż-żejt, u tliet oqsma ta’ prijorità tal-infrastruttura għall-Unjoni kollha għall-awtostradi tal-elettriku, il-grilji intelliġenti u n-netwerks tat-trasport tad-diossidu tal-karbonju, u jistabbilixxi proċess trasparenti u inklussiv għall-identifikazzjoni ta’ proġetti konkreti ta’ interess komuni (PCIs). Proġetti tikkettati bħala PCIs se jibbenefikaw minn proċeduri għall-ħruġ tal-permessi mgħaġġla u simplifikati, trattament regolatorju aħjar u — fejn xieraq — appoġġ finanzjarju bil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF).

(2) Skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, il-Kummissjoni se ingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex jiġi stabbilit l-elenku tal-Unjoni ta’ PCIs (l-elenku tal-Unjoni) abbażi tal-elenki reġjonali adottati mill-korpi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Gruppi Reġjonali kif stabbilit f’dak ir-Regolament.

(3) Proposti ta’ proġetti preżentati għall-inklużjoni fl-ewwel elenku tal-Unjoni ta’ PCIs ġew ivvalutati mil-Gruppi Reġjonali mwaqqfa permezz tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 u magħmulin minn rappreżentanti tal-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-operaturi tas-sistema ta’ trażmissjoni (TSOs), kif ukoll il-Kummissjoni, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (l-Aġenzija) u n-Netwerk Ewropew ta’ Operaturi ta’ Sistema tat-Trażmissjoni tal-Elettriku u l-Gass (ENTSO-E u ENTSOG).

(4) Fil-kuntest tal-ħidma tal-Gruppi Reġjonali, ġew ikkonsultati l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-partijiet interessati rilevanti, inklużi l-produtturi, l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni, il-fornituri, il-konsumaturi, u l-organizzazzjonijiet għall-ħarsien ambjentali.

(5) L-abbozzi tal-elenki reġjonali kienu miftiehma waqt laqgħa fil-livell tekniku, fejn ħadu sehem rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri rilevanti, fit-13 ta’ Lulju 2013. Wara opinjoni mill-Aġenzija dwar l-abbozz ta’ elenki reġjonali preżentata fis-17 ta’ Lulju 2013, l-elenki reġjonali finali ġew adottati mill-korpi responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Gruppi Reġjonali fl-24 ta’ Lulju 2013. Il-proġetti proposti kollha kisbu l-approvazzjoni tal-Istati Membri li mat-territorju tiegħu huma għandhom rabta, skont l-Artikolu 172 tat-TFUE u mal-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament (EU) Nru 347/2013.

(6) L-elenku tal-Unjoni ta’ PCIs huwa bbażat fuq l-elenki reġjonali finali. Proġett wieħed kellu jitneħħa mill-elenku peress li għaddejjin diskussjonijiet dwar id-denominazzjoni ta’ siti tan-Natura 2000.

(7) Il-proġetti fuq dan l-ewwel elenku tal-Unjoni ta’ PCIs kienu vvalutati skont il-kriterji għal proġetti ta’ interess komuni stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 u nstab li jilħquhom.

(8) Il-konsistenza transreġjonali ġiet żgurata, filwaqt li tqieset l-opinjoni tal-Aġenzija preżentata fis-17 ta’ Lulju 2013.

(9) Il-PCIs huma elenkati skont l-ordni ta’ kurituri prijoritarji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 347/2013. L-elenku ma fih l-ebda klassifikazzjoni ta’ proġetti.

([1]) ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39.

(10) Il-PCIs jew huma elenkati bhala PCIs waħedhom jew inkella bħala parti minn raggruppament ta' diversi PCIs. Xi PCIs ġew miġbura f'raggruppament minħabba in-natura interdipendenti kompetittiva, jew potenzjalment kompetittiva tagħhom ([1]). Il-PCIs kollha huma soġġetti għall-istess drittijiet u obbligi stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru 347/2013.

(11) L-elenku tal-Unjoni fih PCIs fi stadji differenti tal-iżvilupp tagħhom. Xi wħud għadhom fil-fażijiet bikrija, jiġifieri fil-fażijiet ta' qabel il-vijabbiltà, tal-vijabbiltà jew tal-valutazzjoni. F'dawk il-każijiet, għad iridu jsiru studji li juru li l-proġetti huma teknikament u ekonomikament vijabbli, u li huma konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u b'mod partikolari mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, għandhom jiġu identifikati, valutati u evitati jew imnaqqsa b'mod xieraq impatti potenzjali fuq l-ambjent.

(12) L-inklużjoni ta' proġetti fl-elenku tal-Unjoni ta' PCIs, b'mod partikolari ta' dawk li għadhom fil-fażijiet bikrin, hija bla preġudizzju għar-riżultati ta' valutazzjoni ambjentali relevanti u proċeduri ta' awtorizzazzjoni. Proġetti li ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni għandhom jitneħħew mill-elenku tal-Unjoni ta' PCIs. L-implimentazzjoni tal-PCIs, inkluża l-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni tal-UE, għandha tiġi sorveljata fil-livell nazzjonali u skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 347/2013.

(13) Skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, l-elenku tal-Unjoni għandu jieħu l-forma ta' anness għal dak ir-Regolament.

(14) Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 għandu għaldaqstant jiġi emendat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Anness VII huwa miżjud mar-Regolament (UE) Nru 347/2013 skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

.Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) Kif spjegat fl-Anness.

ANNESS

L-Anness segwenti huwa miżjud mar-Regolament (UE) Nru 347/2013:

"ANNESS VII

Elenku tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni ('l-elenku tal-Unjoni'), imsemmi fl-Artikolu 3(4)

A. Il-Kummissjoni applikat il-prinċipji segwenti meta stabbiliet l-elenku tal-Unjoni:

1. *Raggruppament ta' PCIs*

Ċerti PCIs jagħmlu parti minn raggruppament minħabba in-natura interdipendenti, li potenzjalment jikkompetu jew jikkompetu tagħhom. Il-prinċipji segwenti kienu applikati għall-ġbir f'raggruppamenti ta' PCIs:

— **Raggruppament ta' PCIs interdipendenti** huwa definit bħala 'Raggruppament X inklużi l-PCIs li ġejjin'. Raggruppamenti ta' proġetti interdipendenti ġew iffurmati biex jidentifikaw dawk il-proġetti li huma kollha meħtieġa biex jindirizzaw l-istess ostaklu tul il-fruntieri tal-pajjiż u li jagħtu sinerġiji jekk jitwettqu flimkien. F'dan il-każ, il-proġetti kollha għandhom jiġu implimentati biex il-benefiċċji jintlaħqu mal-Unjoni kollha.

— **Raggruppament ta' PCIs li potenzjalment jikkompetu** huwa definit bħala 'Raggruppament X inkluż waħda jew iktar mill-PCIs segwenti'. Raggruppamenti ta' proġetti li potenzjalment jikkompetu jirriflettu l-inċertezza dwar il-kobor tal-ostakli tul il-fruntieri tal-pajjiżi. F'dan il-każ, mhux il-PCIs kollha f'raggruppamenti għandhom ikunu implimentati. Huwa f'idejn is-suq jekk il-proġetti kollha, numru minnhom jew wieħed jibqgħu sejrin, soġġett għall-approvazzjonijiet regolatorji, għall-permessi u l-ippjanar. Il-ħtieġa għall-proġetti għandha tiġi valutati mill-ġdid fil-proċess sussegwenti tal-identifikazzjoni tal-PCI, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċità tal-ħtiġijiet.

— **Raggruppament ta' PCIs li jikkompetu** huwa definit bħala 'Raggruppament X inkluż waħda jew iktar mill-PCIs segwenti'. Gruppi ta' proġetti kompetittivi jindirizzaw l-istess konġestjoni tul il-fruntieri tal-pajjiż. Madankollu, il-kobor tal-ostakli huwa aktar ċert minn fit-tieni każ ta' hawn fuq u għaldaqstant huwa ċar li wieħed biss mill-PCIs għandu jiġi implimentat. Huwa f'idejn is-suq liema mill-proġetti jibqa' sejjer, soġġett għall-approvazzjonijiet regolatorji, għall-permessi u l-ippjanar. Fejn meħtieġ, il-ħtieġa għall-proġetti għandha tiġi vvalutati mill-ġdid fil-proċess ta' identifikazzjoni għall-PCI sussegwenti.

Il-PCIs kollha huma soġġetti għall-istess drittijiet u obbligi stabbiliti permezz tar-Regolament (UE) Nru 347/2013.

2. *Trattament ta' substazzjonijiet, stazzjonijiet back-to-back u stazzjonijiet tal-kompressur*

Substazzjonijiet u stazzjonijiet back-to-back fl-elettriku u stazzjonijiet tal-kompressur fil-gass huma kunsidrati bħala parti minn proġetti ta' interess komuni u mhumiex imsemmijin b'mod espliċitu, jekk ikunu jinsabu ġeografikament tul il-linja ta' trażimissjoni. Jekk jitqiegħdu f'post differenti, huma espliċitament imsemmija. Dawn huma soġġetti għad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti permezz tar-Regolament (UE) Nru 347/2013.

B. Elenku tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni:

1. **Kuritur prijoritarju grilja lil hinn mill-kosta fl-Ibħra tat-Tramuntana ('NSOG'–Northern Seas offshore grid)**

Nru	Definizzjoni
1.1.	Ir-raggruppament Belġju–Renju Unit bejn Zeebrugge u Canterbury [attwalment magħruf bħala l-proġett NEMO] inklużi l-PCIs li ġejjin: 1.1.1. Interkonnessjoni bejn Zeebrugge (BE) u l-akkwati ta' Richborough (UK) 1.1.2. Linja interna bejn l-akkwati ta' Richborough u Canterbury (UK) 1.1.3. Linja interna bejn Dungeness u Sellindge u bejn Sellindge u Canterbury (UK)
1.2.	PCI Belġju–żewġ ċentri lil hinn mill-kosta lesti mill-grilji konnessi mas-sottostazzjoni ta' Zeebrugge (BE) b'investiment antiċipattiv li jippermetti interkonnessjonijiet futuri ma' Franza u/jew ir-Renju Unit
1.3.	Ir-raggruppament Danimarka–Ġermanja bejn Endrup u Brunsbüttel inklużi l-PCIs segwenti: 1.3.1. Interkonnessjoni bejn Endrup (DK) u Niebüll (DE) 1.3.2. Linja interna bejn Brunsbűttel u Niebűll (DE)

Nru	Definizzjoni
1.4.	Ir-raggruppament Danimarka–Ġermanja bejn Kassö u Dollern inklużi l-PCIs segwenti: 1.4.1. Interkonnessjoni bejn Kassö (DK) u Audorf (DE) 1.4.2. Linja interna bejn Audorf u Hamburg/Nord (DE) 1.4.3. Linja interna bejn Hamburg/Nord u Dollern (DE)
1.5.	PCI Danimarka–Pajjiżi l-Baxxi interkonnessjoni bejn Endrup (DK) u Eemshaven (NL)
1.6.	PCI Franza–Irlanda interkonnessjoni bejn La Martyre (FR) u Great Island jew Knockraha (IE)
1.7.	Interknonnessjonijiet tar-raggruppament Franza–Renju Unit, inklużi wieħed jew aktar mill-PCIs segwenti: 1.7.1. Interkonnessjoni Franza–Renju Unit bejn Cotentin (FR) u l-akkwati ta' Exeter (UK) [attwalment magħruf bħala l-proġett FAB] 1.7.2. Interkonnessjoni Franza–Renju Unit bejn Tourbe (FR) u Chilling (UK) [attwalment magħruf bħala l-proġett IFA2] 1.7.3. Interkonnessjoni Franza–Renju Unit bejn Coquelles (FR) u Folkestone (UK) [attwalment magħruf bħala l-proġett ElecLink]
1.8.	PCI Interkonnessjoni Ġermanja–Norveġja bejn Wilster (DE) u Tonstad (NO) [attwalment magħruf bħala l-proġett NORD.LINK]
1.9.	Raggruppament li jgħaqqad ġenerazzjoni minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-Irlanda mar-Renju Unit, inklużi wieħed jew aktar mill-PCIs segwenti: 1.9.1. Interkonnessjoni Irlanda–Renju Unit bejn Co. Offaly (IE), Pembroke u Pentir (UK) 1.9.2. Interkonnessjoni Irlanda–Renju Unit bejn iċ-ċentri Coolkeeragh–Coleraine (IE) u l-istazzjon ta' Hunterston, Islay, Argyll u l-Parkijiet Eoliki lil hinn mill-kosta f'Location C (UK) 1.9.3. Interkonnessjoni Irlanda–Renju Unit bejn iċ-ċentru tat-Tramuntana, Dublin u Codling Bank (IE) u Trawsfynyd u Pembroke (UK) 1.9.4. Interkonnessjoni Irlanda–Renju Unit bejn l-Midlands Irlandiżi u Pembroke (UK) 1.9.5. Interkonnessjoni Irlanda–Renju Unit bejn l-Midlands Irlandiżi u Alverdiscott, Devon (UK) 1.9.6. Interkonnessjoni Irlanda–Renju Unit bejn l-kosta Irlandiża u Pembroke (UK)
1.10.	PCI Interkonnessjoni Norveġja–Renju Unit
1.11.	Raggruppament li joħloq konnessjoni bejn ġenerazzjoni minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-Irlanda mar-Renju Unit, inklużi wieħed jew aktar mill-PCIs segwenti: 1.11.1. Ħażna ppumpjata bl-ilma fil-Majjistral tal-Irlanda. 1.11.2. Interkonnessjoni Irlanda–Renju Unit bejn il-Majjistral tal-Irlanda (IE) u l-Midlands (UK) 1.11.3. Ħażna ppumpjata bl-ilma (ilma baħar) fl-Irlanda–Glinsk 1.11.4. Interkonnessjoni Irlanda–Renju Unit bejn Glinsk, Mayo (IE) u Connah's Quai, Deeside (UK)
1.12.	PCI ħażna ta' enerġija ta' arja kompressata fir-Renju Unit–Larne

2. **Kuritur prijoritarju interkonnessjonijiet elettriċi Tramuntana–Nofsinhar fl-Ewropa tal-Punent ('NSI Elettriku tal-Punent')**

Nru	Definizzjoni
2.1.	PCI L-linja interna tal-Awstrija bejn il-Westtirol u Zell-Ziller (AT) biex tiżdied il-kapaċità tul il-fruntiera AT/DE
2.2.	Ir-raggruppament Belġju–Ġermanja bejn Lixhe u Oberzier [attwalment magħruf bħala l-proġett ALEGrO] inklużi l-PCIs li ġejjin: 2.2.1. Interkonnessjoni bejn Lixhe (BE) u Oberzier (DE) 2.2.2. Linja interna bejn Lixhe u Herderen (BE) 2.2.3. Substazzjon ġdid f'Zutendaal (BE)
2.3.	Raggruppament Belġju–Lussemburgu żieda fil-kapaċità tul il-fruntiera BE/LU inklużi l-PCIs segwenti: 2.3.1. L-istallazzjoni u l-operazzjoni kkoordinata ta' trasformatur għall-qalba tal-fażi f'Schifflange (LU) 2.3.2. Interkonnessjoni bejn Aubange (BE) u Bascharage/Schifflange (LU)
2.4.	PCI Interkonnessjoni Franza–Italja bejn Codrongianos (IT), Lucciana (Korsika, FR) u Suvereto (IT) [attwalment magħruf bħala l-proġett SA.CO.I 3]
2.5.	Ir-Raggruppament Franza–Italja bejn Grande Ile u Piossasco, inklużi il-PCIs segwenti: 2.5.1. Interkonnessjoni bejn Grande Ile (FR) u Piossasco (IT) [attwalment magħruf bħala l-proġett Savoie-Piemont] 2.5.2. Linja interna bejn Trino u Lacchiarella (IT)
2.6.	PCI Spanja linja interna bejn Santa Llogaia u Bescanó (ES) biex tiżdied il-kapaċità tal-interkonnessjoni bejn Bescanó (ES) u Baixas (FR)
2.7.	PCI Interkonnessjoni Franza–Spanja bejn Aquitaine (FR) u l-Pajjiż Bask (ES)
2.8.	PCI L-istallazzjoni koordinata u t-tħaddim ta' transformer għall-qalba tal-fażi f'Arkale (ES) biex tiżdied il-kapaċità tal-interkonnessjoni bejn Argia (FR) u Arkale (ES)
2.9.	PCI Ġermanja linja interna bejn Osterath u Philippsburg (DE) biex tiżdied il-kapaċità tul il-fruntieri tal-Punent
2.10.	PCI Ġermanja linja interna bejn Brunsbüttel-Großgartach u Wilster-Grafenrheinfeld (DE) biex tiżdied il-kapaċità tul il-fruntieri tat-Tramuntana u n-Nofsinhar
2.11.	Ir-raggruppament Ġermanja–Awstrija–Svizzera żieda fil-kapaċità fiż-żona tal-Lag Kostanz inklużi l-PCIs segwenti: 2.11.1. Interkonnessjoni bejn iż-żona tal-fruntiera (DE), Meiningen (AT) u Rüthi (CH) 2.11.2. Linja interna mir-reġjun tal-punt Rommelsbach għal Herbertingen, minn Herbertingen għal Tiengen, mill-punt Wullenstetten għall-punt Niederwangen (DE) u fiż-żona tal-fruntiera DE-AT
2.12.	PCI Interkonnessjoni Ġermanja–Pajjiżi l-Baxxi bejn Niederrhein (DE) u Doetinchem (NL)

Nru	Definizzjoni
2.13.	Interkonnessjonijiet tar-raggruppament Irlanda–Renju Unit (Irlanda ta' Fuq), inkluż proġett wieħed jew iktar mill-PCIs segwenti: 2.13.1. Interkonnessjoni Irlanda–Renju Unit bejn Woodland (IE) u Turleenan (UK–l-Irlanda ta' Fuq) 2.13.2. Interkonnessjoni Irlanda–Renju Unit bejn Srananagh (IE) u Turleenan (UK–l-Irlanda ta' Fuq)
2.14.	PCI Interkonnessjoni Italja–Svizzera bejn Thusis/Sils (CH) u Verderio Inferiore (IT)
2.15.	Żieda fil-kapaċità tar-raggruppament Italja–Svizzera tul il-fruntiera IT/CH, inklużi il-PCIs segwenti: 2.15.1. Interkonnessjoni bejn Airolo (CH) u Baggio (IT) 2.15.2. Titjib fis substazzjon ta' Magenta (IT) 2.15.3. Linja interna bejn Pavia u Piacenza (IT) 2.15.4. Linja interna bejn Tirano u Verderio (IT)
2.16.	Żieda fil-kapaċità tar-raggruppament Portugall tul il-fruntiera PT/ES inklużi il-PCIs segwenti: 2.16.1. Linja interna bejn Pedralva u Alfena (PT) 2.16.2. Linja interna bejn Pedralva u Vila Fria B (PT) 2.16.3. Linja interna bejn Frades B, Ribeira de Pena u Feira (PT)
2.17.	PCI Interkonnessjoni Portugall–Spanja bejn Vila Fria–Vila do Conde–Recarei (PT) u Beariz– Fontefría (ES)
2.18.	PCI Żieda fil-kapaċità ta' ħażna ppumpjata bl-ilma fl-Awstrija–Kaunertal, Tirol
2.19.	PCI Ħażna ppumpjata bl-ilma fl-Awstrija–Obervermuntwerk II, il-Provinċja ta' Vorarlberg
2.20.	PCI Żieda fil-kapaċità ta' ħażna ppumpjat bl-ilma fl-Awstrija–Limberg III, Salzburg
2.21.	PCI Ħażna ppumpjata bl-ilma fil-Ġermanja–Riedl

3. **Kuritur prijoritarju interkonnessjonijiet tal-elettriku Tramuntana–Nofsinhar fil-Lvant Ċentrali u x-Xlokk tal-Ewropa ('NSI Elettriku tal-Lvant')**

Nru	Definizzjoni
3.1.	Ir-raggruppament Awstrija–Ġermanja bejn St. Peter u Isar inklużi l-PCIs segwenti: 3.1.1. Interkonnessjoni bejn St. Peter (AT) u Isar (DE) 3.1.2. Linja interna bejn St. Peter u Tauern (AT) 3.1.3. Linja interna bejn St. Peter u Ernsthofen (AT)
3.2.	Ir-raggruppament Awstrija–Italja bejn Lienz u l-Veneto inklużi l-PCIs segwenti: 3.2.1. Interkonnessjoni bejn Lienz (AT) u r-reġjun tal-Veneto (IT) 3.2.2. Linja interna bejn Lienz u Ernsthofen u Obersielach (AT) 3.2.3. Linja interna bejn Volpago u Venezja tat-Tramuntana (IT)

Nru	Definizzjoni
3.3.	PCI Interkonnessjoni Awstrija–Italja bejn Nauders (AT) u r-reġjun ta' Milan (IT)
3.4.	PCI Interkonnessjoni Awstrija–Italja bejn Wurmlach (AT) u Somplago (IT)
3.5.	Ir-raggruppament Bosnja-Ħerzegovina–Kroazja bejn Banja Luka u Lika inklużi l-PCIs segwenti: 3.5.1. Interkonnessjoni bejn Banja Luka (BA) u Lika (HR) 3.5.2. Linji interni bejn Brinje, Lika, Velebit u Konjsko (HR)
3.6.	Żieda fil-kapaċità tar-raggruppament Bulgarija mal-Greċja u r-Rumanija inklużi l-PCIs segwenti: 3.6.1. Linja interna bejn Vetren u Blagoevgrad (BG) 3.6.2. Linja interna bejn Tsarevets u Plovdiv (BG)
3.7.	Ir-raggruppament Bulgarija–Greċja bejn Maritsa Lvant 1 u N. Santa inklużi l-PCIs segwenti: 3.7.1. Interkonnessjoni bejn Maritsa Lvant 1 (BG) u N. Santa (EL) 3.7.2. Linja interna bejn Maritsa Lvant 1 u Plovdiv (BG) 3.7.3. Linja interna bejn Maritsa Lvant 1 u Maritsa Lvant 3 (BG) 3.7.4. Linja interna bejn Maritsa Lvant 1 u Burgas (BG)
3.8.	Żieda fil-kapaċità tar-raggruppament Bulgarija–Rumanija inklużi l-PCIs segwenti: 3.8.1. Linja interna bejn Dobrudja u Burgas (BG) 3.8.2. Linja interna bejn Vidino u Svoboda (BG) 3.8.3. Linja interna bejn Svoboda (BG) u l-punt tal-qasma tal-interkonnessjoni Varna (BG)–Stupina (RO) fil-BG 3.8.4. Linja interna bejn Cernavoda u Stalpu (RO) 3.8.5. Linja interna bejn Gutinas u Smardan (RO) 3.8.6. Linja interna bejn Gadalin u Suceava (RO)
3.9.	Raggruppament Kroazja–Ungerija–Slovenja bejn Žerjavenec/Heviz u Cirkovce inklużi l-PCIs segwenti: 3.9.1. Interkonnessjonijiet bejn Žerjavenec (HR)/Heviz (HU) u Cirkovce (SI) 3.9.2. Linja interna bejn Divača u Beričevo (SI) 3.9.3. Linja interna bejn Beričevo u Podlog (SI) 3.9.4. Linja interna bejn Podlog u Cirkovce (SI)
3.10.	Ir-raggruppament Iżrael–ĊIPRU–Greċja bejn Hadera u reġjun ta' Attika [attwalment magħrufa bħala l-interkonnettur Ewro Ażja] inklużi l-PCIs segwenti: 3.10.1. Interkonnessjoni bejn Hadera (IL) u Vasilikos (CY) 3.10.2. Interkonnessjoni bejn Vasilikos (CY) u Korakia, Kreta (EL) 3.10.3. Linja interna bejn Korakia, Kreta u r-reġjun ta' Attika (EL)

Nru	Definizzjoni
3.11.	Ir-raggruppament Repubblika Ċeka linji interni biex tiżdied il-kapaċità fil-fruntieri tal-Majjistral u tan-Nofsinhar inklużi l-PCIs segwenti: 3.11.1. Linja interna bejn Vernerov u Vitkoz (CZ) 3.11.2. Linja interna bejn Vitkov u Prestice (CZ) 3.11.3. Linja interna bejn Prestice u Kocin (CZ) 3.11.4. Linja interna bejn Kocin u Mirovka (CZ) 3.11.5. Linja interna bejn Mirovka u Cebin (CZ)
3.12.	PCI Linja interna fil-Ġermanja bejn Lauchstädt u Meitingen biex tiżdied il-kapaċità tul il-fruntieri tal-Lvant
3.13.	PCI Linja interna fil-Ġermanja bejn Halle/Saale u Schweinfurt biex tiżdied il-kapaċità fil-Kuritur Tramuntana-Nofsinhar fil-Lvant
3.14.	Ir-raggruppament Ġermanja–Polonja bejn Eisenhűttenstadt u Plewiska [attwalment magħrufa bħala l-proġett Pont tal-Enerġija GerPol] inklużi l-PCIs segwenti: 3.14.1. Interkonnessjoni bejn Eisenhűttenstadt (DE) u Plewiska (PL) 3.14.2. Linja interna bejn Krajnik u Baczyna (PL) 3.14.3. Linja interna bejn Mikułowa u Świebodzice (PL)
3.15.	Raggruppament Ġermanja–Polonja bejn Vierraden u Krajnik inklużi l-PCIs segwenti: 3.15.1. Interkonnessjoni bejn Vierraden (DE) u Krajnik (PL) 3.15.2. L-istallazzjoni u t-tħaddim ikkoordinati ta' trasformaturi tal-qalba tal-fażi tul il-linji ta' interkonnessjoni bejn Krajnik (PL)–Vierraden (DE) u Mikulowa (PL)–Hagenwerder (DE)
3.16.	Raggruppament Ungerija–Slovakkja bejn Gőnyü u Gabčikovo inklużi l-PCIs segwenti: 3.16.1. Interkonnessjonijiet bejn Gőnyü (HU) u Gabčikovo (SK) 3.16.2. Linja interna bejn Velký Ďur u Gabčikovo (SK) 3.16.3. L-estensjoni tas-substazzjon ta' Győr (HU)
3.17.	PCI Interkonnessjoni Ungerija–Slovakkja bejn Sajóvánka (HU) u Rimavská Sobota (SK)
3.18.	Raggruppament Ungerija–Slovakkja bejn iż-żona Kisvárda u Velké Kapušany inklużi l-PCIs segwenti: 3.18.1. Interkonnessjonijiet bejn iż-żona Kisvárda area (HU) u Velké Kapušany (SK) 3.18.2. Linja interna bejn Lemešany u Velké Kapušany (SK)
3.19.	Raggruppament Italja–Montenegro bejn Villanova u Lastva inklużi l-PCIs segwenti: 3.19.1. Interkonnessjonijiet bejn Villanova (IT) u Lastva (ME) 3.19.2. Linja interna bejn Fano u Teramo (IT) 3.19.3. Linja interna bejn Foggia u Villanova (IT)

Nru	Definizzjoni
3.20.	Raggruppament Italja–Slovenja bejn Udine tal-Punent u Okroglo inklużi l-PCIs segwenti: 3.20.1. Interkonnessjoni bejn Udine tal-Punent (IT) u Okroglo (SI) 3.20.2. Linja interna bejn Udine tal-Punent u Redipuglia (IT)
3.21.	PCI Interkonnessjoni Italja–Slovenja bejn Salgareda (IT) u Divača–ir-reġjun ta' Bericevo (SI)
3.22.	Ir-raggruppament Rumanija–Serbja bejn Resita u Pancevo inklużi l-PCIs segwenti: 3.22.1. Interkonnessjonijiet bejn Resita (RO) u Pancevo (RS) 3.22.2. Linja interna bejn Portile de Fier u Resita (RO) 3.22.3. Linja interna bejn Resita u Timisoara/Sacalaz (RO) 3.22.4. Linja interna bejn Arad u Timisoara/Sacalaz (RO)
3.23.	PCI Ħażna ppumpjata bl-ilma fil-Bulgarija–Yadenitsa
3.24.	PCI Ħażna ppumpjata bl-ilma fil-Greċja–Amfilochia
3.25.	PCI Sistemi għall-ħażna tal-batteriji fl-Italja t'Isfel Ċentrali
3.26.	PCI Ħażna ppumpjata bl-ilma fil-Polonja–Mloty

4. **Kuritur prijoritarju Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku ('Elettriku BEMIP')**

Nru	Definizzjoni
4.1.	PCI Interkonnessjoni Danimarka–Ġermanja bejn Ishőj/Bjæverskov (DK) u Bentwisch/Gűstrow (DE) permezz tal-parkijiet eoliki lil hinn mill-kosta ta' Kriegers Flak (DK) u Baltiku 2 (DE) [attwalment magħruf bħala s-Soluzzjoni tal-Grilja Kombinata Kriegers Flak]
4.2.	Ir-raggruppament Estonja–Latvja bejn Kilingi-Nõmme u Riga [attwalment magħruf bħala it-tielet (3) interkonnessjoni] inklużi l-PCIs segwenti: 4.2.1. Interkonnessjoni bejn Kilingi-Nõmme (EE) u s-substazzjon CHP2 ta' Riga (LV) 4.2.2. Linja interna bejn Harku u Sindi (EE)
4.3.	PCI Interkonnessjoni sinkronika Estonja/Latvja/Litwanja man-networks Ewropej kontinentali
4.4.	Żieda fil-kapaċita tar-raggruppament Latvja–Svezja [attwalment magħruf bħala l-proġett NordBalt] inklużi l-PCIs segwenti: 4.4.1. Linja interna bejn Ventspils, Tume u Imanta (LV) 4.4.2. Linja interna bejn Ekhyddan u Nyboro/Hemsjö (SE)
4.5.	Raggruppament Litwanja–Polonja bejn Alytus (LT) u Elk (PL) inklużi l-PCIs segwenti: 4.5.1. Il-parti LT tal-interkonnessjoni bejn Alytus (LT) u l-fruntiera LT/PL 4.5.2. Linja interna bejn Stanisławów u Olsztyn Mątki (PL) 4.5.3. Linja interna bejn Kozienice u Siedlce Ujrzanów (PL) 4.5.4. Linja interna bejn Płock and Olsztyn Mątki (PL)

Nru	Definizzjoni
4.6.	PCI Ħażna ppumpjata bl-ilma fl-Estonja–Muuga
4.7.	PCI Żieda fil-kapaċità ta' ħżin ppumpjat bl-ilma fil-Litwanja–Kruonis

5. **Kuritur prijoritarju interkonnessjonijiet tal-gass Tramuntana–Nofsinhar fl-Ewropa tal-Punent ('NSI Elettriku tal-Punent')**

Proġetti li jippermettu flussi bidirezzjonali bejn l-Irlanda u r-Renju Unit

Nru	Definizzjoni
5.1.	Raggruppament biex ikunu jistgħu jseħħu flussi bidirezzjonali mill-Irlanda ta' Fuq lejn il-Gran Brittanja u l-Irlanda kif ukoll mill-Irlanda lejn ir-Renju Unit inklużi l-PCIs segwenti: 5.1.1. Fluss fiżiku bil-kontra fil-punt ta' interkonnessjoni ta' Moffat (L-Irlanda/ir-Renju Unit) 5.1.2. Titjib fil-pipeline SNIP (mill-Iskozja għall-Irlanda ta' Fuq) biex jakkomoda l-fluss fiżiku bil-kontra bejn Ballylumford u Twynholm 5.1.3. L-iżvilupp tal-faċilità ta' Ħażna ta' Taħt l-Art (UGS–Underground Gas Storage) ta' Islandmagee f'Larne (l-Irlanda ta' Fuq)
5.2.	PCI Ġemellaġġ ta' sistema fuq il-kosta fil-Lbiċ tal-Iskozja fuq l-art bejn Cluden u Brighouse Bay. (Ir-Renju Unit)
5.3.	PCI It-terminal tal-LNG tax-Shannon li jinsab bejn Tarbert u Ballylongford (l-Irlanda)

Proġetti li jippermettu flussi bidirezzjonali bejn il-Portugall, Spanja, Franza u l-Ġermanja

Nru	Definizzjoni
5.4.	PCI t-tielet (3) interkonnessjoni bejn il-Portugall u Spanja
5.5.	PCI L-assi tal-Lvant Spanja-Franza–il-punt ta' interkonnessjoni bejn il-Peniżola Iberika u Franza f'Le Perthus–[attwalment magħruf bħala Midcat].
5.6.	PCI T-tisħiħ tan-netwerk Franċiż min-Nofsinhar għat-Tramuntana — il-fluss bil-kontra minn Franza lejn il-Ġermanja fil-punt ta' interkonnessjoni ta' Obergailbach/Medelsheim (Franza)
5.7.	PCI t-tisħiħ tan-netwerk Franċiż min-Nofsinhar lejn it-Tramuntana tul il-pipline ta' Bourgogne bejn Etrez u Voisines (Franza).
5.8.	PCI T-tisħiħ tan-netwerk Franċiż min-Nofsinhar lejn it-Tramuntana tul il-pipline tal-Lyonnais tal-Lvant bejn Saint-Avit u Etrez (Franza)

Flussi bidirezzjonali bejn l-Italja, l-Isvizzera, il-Ġermanja u l-Belġju/Franza

Nru	Definizzjoni
5.9.	PCI L-interkonnessjoni tal-fluss bil-kontra bejn l-Isvizzera u Franza
5.10.	PCI L-interkonnessjoni tal-fluss bil-kontra tul il-pipeline TENP fil-Ġermanja
5.11.	L-interkonnessjoni tal-fluss bil-kontra bejn l-Italja u l-Isvizzera fil-punt ta' interkonnessjoni ta' Passo Gries
5.12.	PCI L-interkonnessjoni tal-fluss bil-kontra tul il-pipeline TENP lejn il-punt ta' interkonnessjoni ta' Eynatten (il-Ġermanja)

L-iżvilupp ta' interkonnessjonijiet bejn il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Belġju, Franza u l-Lussemburgu

Nru	Definizzjoni
5.13.	PCI Interkonnessjoni ġdida bejn Pitgam (Franza) u Maldegem (il-Belġju)
5.14.	PCI T-tisħiħ tan-netwerk Franċiż min-Nofsinhar lejn it-Tramuntana tul il-pipline ta' Arc de DIerrey bejn Cuvilly, Dierrey u Voisines (Franza)
5.15.	Raggruppament li jimplimenta t-titjib tal-kompressur tal-gass fil-Pajjiżi l-Baxxi inklużi l-PCIs segwenti: 5.15.1. Emden (min-Norveġja għall-Pajjiżi l-Baxxi) 5.15.2. Winterswijk/Zevenaar (mill-Pajjiżi l-Baxxi għall-Ġermanja) 5.15.3. Bocholtz (mill-Pajjiżi l-Baxxi għall-Ġermanja) 5.15.4. 's Gravenvoeren (mill-Pajjiżi l-Baxxi għall-Belġju) 5.15.5. Hilvarenbeek (mill-Pajjiżi l-Baxxi għall-Belġju)
5.16.	PCI L-estensjoni tat-terminal tal-LNG ta' Zeebrugge.
5.17.	Raggruppament bejn il-Lussemburgu, Franza u l-Belġju, inklużi wieħed minn dawn il-PCIs jew iktar: 5.17.1. Interkonnessjoni bejn Franza u l-Lussemburgu. 5.17.2. T-tisħiħ tal-interkonnessjoni bejn il-Belġju u l-Lussemburgu

Proġetti oħra

Nru	Definizzjoni
5.18.	PCI Tisħiħ tan-network Ġermaniż biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' interkonnessjoni mal-Awstrija [attwalment magħruf bħala l-fażi I tal-pipeline ta' Monaco] (Haiming/Burghausen-Finsing)
5.19.	PCI L-konnessjoni ta' Malta man-netwerk Ewropew tal-Gass (pipeline tal-gass mal-Italja f'Gela u Unità li żżomm f' wiċċ l-ilma għall-ħażna u l-gassifikazzjoni mill-ġdid tal-LNG (FSRU–Floating Storage Re-gasification Unit))
5.20.	PCI Pipeline tal-gass li jgħaqqad l-Alġerija mal-Italja (Sardinja) u Franza (Korsika) [attwalment magħrufa bħala l-pipelines Galsi u Cyréné]

6. **Kuritur prijoritarju interkonnessjonijiet tal-gass fl-Ewropa tal-Lvant Ċentrali u l-Ewropa tax-Xlokk ('NSI Gass tal-Lvant')**

Proġetti li jippermettu l-flussi bidirezzjonali bejn il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u l-Ungerija li tgħaqqad it-terminals tal-LNG fil-Polonja u l-Kroazja

Nru	Definizzjoni
6.1.	Titjib fir-raggruppament tal-interkonnessjoni Ċeka–Pollakka u tisħiħ intern relatat fil-Polonja tal-Punent, inklużi l-PCIs segwenti: 6.1.1. L-interkonnessjoni Polonja–Repubblika Ċeka [attwalment magħrufa bħala Stork II] bejn Libhošť–Hať (CZ/PL)–Kedzierzyn (PL) 6.1.2. Il-pipline Lwowek–Odolanow 6.1.3. L-istazzjon tal-kompressur Odolanow 6.1.4. Il-pipeline Czeszów–Wierzchowice

Nru	Definizzjoni
	6.1.5. Il-pipeline Czeszów–Kiełczów 6.1.6. Il-pipeline Zdzieszowice–Wrocław 6.1.7. Il-pipeline Zdzieszowice–Kędzierzyn 6.1.8. Il-pipeline Tworog–Tworzen 6.1.9. Il-pipeline Tworóg–Kędzierzyn 6.1.10. Il-pipeline Pogorska Wola–Tworzen 6.1.11. Il-pipeline Strachocina–Pogórska Wola
6.2.	L-interkonnessjoni tar-raggruppament Polonja–Slovakkja u t-tisħiħ intern relatat fil-Polonja tal-Lvant, inklużi l-PCIs segwenti: 6.2.1. L-interkonnessjoni Polonja–Slovakkja 6.2.2. L-istazzjon tal-kompressur Rembelszczyzna 6.2.3. IL-pipeline Rembelszczyzna–Wola Karczewska 6.2.4. Il-pipeline Wola Karczewska–Wronów 6.2.5. In-nodu Wronów 6.2.6. Il-pipeline Rozwadów–Końskowola–Wronów 6.2.7. Il-pipeline Jarosław–Rozwadów 6.2.8. Il-pipeline Hermanowice–Jarosław 6.2.9. Il-pipeline Hermanowice–Strachocina
6.3.	PCI L-interkonnessjoni tal-Gass Slovakkja–Ungerija bejn Veľké Zlievce (SK)–il-fruntiera Balassa-gyarmat (SK/HU)–Vecsés (HU)
6.4.	PCI Interkonnessjoni bidirezzjonali Awstrijaka–Ċeka (BACI) bejn Baumgarten (AT)–Reinthal (CZ/AT)–Brečlav (CZ)

Proġetti li jippermettu li l-gass jgħaddi mit-terminal tal-LNG Kroat lejn il-pajjiżi ġirien

Nru	Definizzjoni
6.5.	Ir-raggruppament Krk, Bastiment tal-Gassifikazzjoni mill-Ġdid tal-LNG u pipelines ta' evakwazzjoni lejn l-Ungerija, is-Slovenja u l-Italja, inklużi l-PCIs segwenti: 6.5.1. Bastiment tal-Gassifikazzjoni mill-ġdid tal-LNG f'Krk (HR) 6.5.2. Pipeline tal-gass Zlobin–Bosiljevo–Sisak–Kozarac–Slobodnica (HR) 6.5.3. Pipeline ta' evakwazzjoni tal-LNG Omišalj–Zlobin (HR)–Rupa (HR)/Jelšane (SI)–Kalce (SI) jew 6.5.4. Pipeline tal-gass Omišalj (HR)–Casal Borsetti (IT)
6.6.	PCI Interkonnessjoni Kroazja–Slovenja (Bosiljevo–Karlovac–Lučko–Zabok–Rogatec (SI))
6.7.	PCI Interkonnessjoni Slovenja–Italja (Gorizia (IT)/Šempeter (SI)–Vodice (SI))

Proġetti li jippermettu l-flussi tal-gass mill-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar u/jew terminals LNG fil-Greċja mill-Greċja, il-Bulgarija, ir-Rumanija, is-Serbja u ankè l-Ungerija kif ukoll l-Ukraina, inkluż il-kapaċità ta' fluss bil-kontra min-Nofsinhar lejn it-Tramuntana u l-integrazzjoni ta' sistemi ta' tranżitu u trażmissjoni

Nru	Definizzjoni
6.8.	Interkonnessjoni ta' raggruppament bejn il-Greċja u l-Bulgarija u t-tisħiħ meħtieġ fil-Bulgarija, inklużi l-PCIs segwenti: 6.8.1. Interkonnessjoni Greċja–Bulgarija [attwalment magħruf bħala IGB] bejn Komotini (EL)–Stara Zagora (BG) 6.8.2. Ir-riabilitazzjoni, modernizzazzjoni u espansjoni meħtieġa tas-sistema ta' trażmissjoni Bulgara
6.9.	Terminal tal-LNG tar-raggruppament fil-Greċja, inkluż wieħed mill-PCIs segwenti: 6.9.1. Sistema indipendenti tal-gass naturali LNG, il-Greċja 6.9.2. Terminal għall-importazzjoni tal-LNG fl-Eġew
6.10.	PCI Interkonnessjoni tal-gass Bulgarija–Serbja [attwalment magħruf bħala IBS]
6.11.	PCI Fluss bil-kontra permanenti tul il-fruntiera Griega–Bulgara bejn Kula (BG)–Sidirokastro (EL)
6.12.	PCI Żieda fil-kapaċità tat-trażmissjoni tal-pipeline eżistenti mill-Bulgarija għall-Greċja
6.13.	Ir-raggruppament tal-kuritur ta' trażmissjoni Rumanija–Ungerija–Awstrija, inklużi l-PCIs segwenti: 6.13.1. Il-pipeline Városföld–Ercsi–Győr + it-tkabbir tal-istazzjon tal-kompressur Városföld + modifika tal-għoti ta' riħa ċentrali 6.13.2. Il-pipeline Ercsi–Százhalombatta 6.13.3. L-istazzjon tal-kompressur Csanádpalota jew Algyő
6.14.	PCI Fluss bil-kontra Rumen–Ungeriż f'Csanádpalota jew Algyő (HU)
6.15.	L-Integrazzjoni tar-raggruppament tas-sistema ta' tranżitu u trażmissjoni u l-implimentazzjoni tal-fluss bil-kontra fir-Rumanija, inklużi l-PCIs segwenti: 6.15.1. L-integrazzjoni tas-sistema ta' tranżitu u trażmissjoni Rumena 6.15.2. Fluss bil-kontra f'Isaccea

Proġetti li jippermettu li l-gass mill-kuritur tal-gass tan-Nofsinhar u/jew terminals tal-LNG jasal l-Italja biex jgħaddi lejn it-tramuntana tal-Awstrija, il-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka (kif ukoll lejn il-kuritur tal-NSI Punent)

Nru	Definizzjoni
6.16.	PCI Il-Pipeline Tauerngasleitung (TGL) bejn Haiming (AT)/Überackern (DE)–Tarvisio (IT)
6.17.	PCI Konnessjoni għal Oberkappel (AT) mill-fergħa tan-Nofsinhar tas-sistema ta' tranżizzjoni Ċeka
6.18.	PCI Il-pipeline Adriatica (IT)
6.19.	PCI Terminal tal-LNG fuq il-kosta fl-Adrijatiku tat-Tramuntana (IT) ([1])

([1]) Il-post preċiż fejn se jinbena t-terminal tal-LNG fl-Adrijatiku tat-Tramuntana se jkun deċiż mill-Italja bi qbil mas-Slovenja.

Proġetti li jippermettu l-iżvilupp ta' kapaċità ta' ħażna tal-gass taħt l-art fl-Ewropa tax-Xlokk

Nru	Definizzjoni
6.20.	Żieda fil-kapaċità tal-ħażna tar-raggruppament fl-Ewropa tax-Xlokk, inklużi wieħed minn dawn il-PCIs jew iktar: 6.20.1. Kostruzzjoni ta' faċilità ta' ħażna ġdida fit-territorju tal-Bulgarija 6.20.2. Espansjoni tal-UGS ta' Chiren 6.20.3. Il-ħażna ta' Kavala tan-Nofsinhar fil-Greċja 6.20.4. Il-ħażna ta' Depomures fir-Rumanija

Proġetti oħra

Nru	Definizzjoni
6.21.	PCI Il-Pipeline Adrijatiku Jonju (Fieri (AB)–Split (HR))
6.22.	Proġett ta' interkonnettur tar-raggruppament Azerbajġan–Ġeorġja–Rumanija, inklużi l-PCIs segwenti: 6.22.1. Il-pipeline tal-gass Constanta (RO)–Arad–Csanádpalota (HU) [attwalment magħruf bħala AGRI] 6.22.2. Terminal tal-LNG f'Constanta (RO)
6.23.	PCI Interkonnessjoni Ungerija–Slovenja (Nagykanizsa–Tornyiszentmiklós (HU)–Lendava (SI)–Kidričevo)

7. **Kuritur prijoritarju Gass tan-Nofsinhar ('SGC'–Southern Gas Corridor)**

Nru	Definizzjoni
7.1.	Raggruppament ta' infrastruttura tat-trasport iddedikata u li tista' tlaħħaq ma' domanda ikbar u tagħmir assoċat għat-trasport ta' minimu ta' 10 bcm/a ta' sorsi ġodda ta' gass mir-Reġjun tal-Kaspju, li jgħaddi mill-Ġeorġja u t-Turkija u fl-aħħar nett jasal fis-swieq finali tal-UE minn żewġ rotot possibbli: waħda li tgħaddi mill-Ewropa tax-Xlokk u tasal l-Awstrija, l-oħra li tasal l-Italja mill-Baħar Adrijatiku. PCI wieħed minn dawn jew iktar huma inklużi: 7.1.1. Pipeline tal-gass mill-UE għat-Turkmenistan li jgħaddi mit-Turkija, il-Ġeorġja, l-Azerbajġan u l-Kaspju [attwalment magħruf bħala l-kombinament tal-'Pipeline tal-gass naturali trans-Anatoljan' (TANAP), l-'Espansjoni tal-Pipeline tal-Kawkasu tan-Nofsinhar' (SCP-(F)X) u l-'Pipeline tal-Gass trans-Kaspju' (TCP)] 7.1.2. Stazzjon għall-kompressjoni tal-gass f'Kipi (EL) 7.1.3. Pipeline tal-gass mill-Greċja għall-Italja li jgħaddi mill-Albanija u l-Baħar Adrijatiku [attwalment magħruf bħala l-'Pipeline trans-Adrijatiku' (TAP)] 7.1.4. Pipeline tal-gass mill-Greċja għall-Italja li jgħaddi mill-Baħar Adrijatiku [attwalment magħruf bħala l-'Interkonnettur Turkija–Greċja–Italja' (ITGI)] 7.1.5. Pipeline tal-gass mill-Bulgarija għall-Awstrija li jgħaddi mir-Rumanija u l-Ungerija
7.2.	Raggruppament magħmul minn infrastruttura tat-trasport iddedikata u li tista' tlaħħaq ma' domanda ikbar u tagħmir assoċat għat-trasport ta' minimu ta' 8 bcm/a ta' sorsi ġodda ta' gass mir-Reġjun tal-Kaspju (l-Azerbajġan u t-Turkmenistan) għar-Rumanija, inklużi l-proġetti segwenti: 7.2.1. Pipeline tal-gass minn taħt il-baħar fil-Baħar Kaspju mit-Turkmenistan għall-Azerbajġan [attwalment magħruf bħala l-'Pipeline tal-Gass Trans-Kaspju' (TCP)]

Nru	Definizzjoni
	7.2.2. Titjib fil-pipeline bejn l-Ażerbajġan u t-Turkija li jgħaddi mill-Ġeorġja [attwalment magħruf bħala l-'Espansjoni tal-Pipeline tal-Kawkasu tan-Nofsinhar' (SCP-(F)X)] 7.2.3. Pipeline taħt l-ilma baħar li jgħaqqad il-Ġeorġja mar-Rumanija [attwalment magħruf bħala n-'Nixxiegħa Bajda']
7.3.	Ir-raggruppament ta' infrastruttura tal-gass u tagħmir assoċat għat-trasport ta' sorsi ġodda tal-gass mill-oqsma lil hinn mill-kosta fil-Mediterran tal-Lvant inkluż PCI wieħed jew iktar mis-segwenti: 7.3.1. Pipeline lil hinn mill-kosta ta' Ċipru għall-Greċja kontinentali li jgħaddi minn Kreta 7.3.2. Ħażna tal-LNG li tinsab f'Ċipru [attwalment magħrufa bħala l-'Ħażna tal-Gass tal-Mediterran']
7.4.	Raggruppament ta' interkonnessjonijiet mat-Turkija, inklużi l-PCIs segwenti: 7.4.1. Stazzjon għall-kompressjoni tal-gass f'Kipi (EL) b'kapaċità minima ta' 3bcm/a 7.4.2. Interkonnettur bejn it-Turkija u l-Bulgarija b'kapaċità minima ta' 3bcm/a [attwalment magħruf bħala 'ITB']

8. **Kuritur prijoritarju Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku ('Elettriku BEMIP')**

Nru	Definizzjoni
8.1.	Provvista tal-LNG ta' raggruppament fir-Reġjun tal-Lvant tal-Baħar Baltiku, inklużi l-PCIs segwenti: 8.1.1. Interkonnettur bejn l-Estonja u l-Finlandja 'Balticconnector', u 8.1.2. Wieħed mit-terminals tal-LNG segwenti: 8.1.2.1. LNG Finngulf 8.1.2.2. LNG Paldiski 8.1.2.3. LNG Tallinn 8.1.2.4. LNG Latvjan
8.2.	Provvista tal-LNG ta' raggruppament fir-reġjun tal-Lvant tal-Baħar Baltiku, inklużi l-PCIs segwenti: 8.2.1. Titjib tal-interkonnessjoni Latvja–Litwanja 8.2.2. Titjib tal-interkonnessjoni Estonja–Latvja 8.2.3. Titjib fil-kapaċità tal-pipeline Klaipeda–Kiemenai fil-Litwanja 8.2.4. Il-modernizzazzjoni u l-espansjoni tal-Ħażna tal-Gas ta' Taħt l-Art ta' Incukalns
8.3.	PCI Interkonnessjoni 'Pipe Baltiku' Polonja–Danimarka
8.4.	PCI L-Espansjoni tal-kapaċità tul il-fruntiera DK–DE
8.5.	PCI Interkonnessjoni Polonja-Litwanja [attwalment magħruf bħala 'GIPL']
8.6.	PCI It-terminal tal-LNG ta' Gothenburg fl-Isvezja
8.7.	PCI L-estensjoni tal-kapaċità tat-terminal tal-LNG ta' Swinoujscie fil-Polonja
8.8.	PCI Titjib tal-punti ta' dħul Lwowek u Wloclawek tal-pipeline Yamal-Europe fil-Polonja

9. **Kuritur prijoritarju Konnessjonijiet tal-Provvista taż-Żejt fil-Lvant Ċentrali tal-Ewropa (OSC)**

Nru	Definizzjoni
9.1.	PCI L-pipeline Adamowo–Brody: pipeline li jgħaqqad is-Sit ta' Mmaniġġjar JSC Uktransnafta fi Brody (l-Ukraina) mal-Park tat-Tankijiet ta' Adamowo (il-Polonja)
9.2.	PCI L-Pipeline Bratislava–Schwechat: pipeline li jgħaqqad lil Schwechat (l-Awstrija) ma' Bratislava (ir-Repubblika Slovakka)
9.3.	PCI L-pipelines JANAF–Adria: ir-rikostruzzjoni, titjib, manutenzjoni u żieda fil-kapaċità tal-pipelines eżistenti JANAF u Adria li jgħaqqdu l-port tal-baħar Kroat ta' Omislaj ma' Druzhba tan-Nofsinhar (il-Kroazja, l-Ungerija, ir-Repubblika Slovakka)
9.4.	PCI L-pipeline Litvinov (ir-Repubblika Ċeka)–Spergau (il-Ġermanja): l-estensjoni tal-proġett tal-pipeline taż-żejt mhux maħdum ta' Druzhba lejn ir-raffinerija TRM Spergau
9.5.	Il-pipeline tar-raggruppament Pomerenjan (il-Polonja), inklużi l-PCIs segwenti: 9.5.1. Kostruzzjoni ta' Terminals taż-Żejt fi Gdańsk 9.5.2. L-espansjoni tal-pipeline Pomeranjan: ċirkwiti u t-tieni linja tul il-pipeline Pomerenjan li jgħaqqad il-Park tat-Tankijiet ta' Plebanka (qrib Płock) u t-Terminal ta' Mmaniġġjar ta' Gdańsk
9.6.	PCI TAL Plus: l-espansjoni tal-kapaċità tal-Pipeline TAL bejn Trieste (l-Italja) u Ingolstadt (il-Ġermanja)

10. **Iż-żona tematika ta' prijorità għall-Użu tal-Grilji Intelliġenti**

Nru	Definizzjoni
10.1.	Proġett taż-Żona Ħadra fit-Tramuntana tal-Atlantiku (l-Irlanda, ir-Renju Unit/L-Irlanda ta' Fuq): Tixkil inqas għar-riħ permezz tal-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni, titjib fil-kontroll tal-grilja u l-istabbiliment ta' protokolli (transkonfinali) għall-Ġestjoni tan-Naħa tad-Domanda
10.2.	Green–Me (Franza, l-Italja): Titjib fl-integrazzjoni ta' RES permezz tal-implimentazzjoni ta' sistemi tal-awtomatizzazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ fis-substazzjonijiet ta' HV u HV/MV, komunikazzjoni avvanzata mal-ġeneraturi rinnovabbli u ħażna fis-substazzjonijiet primarji.”